# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru sitta (6/2015) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tnejn 15 ta' Gunju 2015, fl-4.00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Johan Mula | Sindku |
| | Francis Callus | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Joanna Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil avza li se jkun ftit tard u kien skuzat ghall-bidu tal-laqgha.

3. Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha precedenti. Dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**4. Punti mill-Minuti**

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-Kunsill mhux se jkun eligibli ghall-fondi ghar-restawr ta' postijiet storici fir-rahal, peress illi diga saru xogholijiet ohrajn taht l-istess skema fil-passat, avolja x-xogholijiet li saru ma sarux mill-Kunsill.

4.2 Is-Sindku qal illi l-librara nformatu li hemm bzonn ta' xkafef fil-librerija {ref punt 5.2}, kif ukoll tabella barra l-librerija. Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi rcieva lment fuq l-istat tal-AC. Il-Kunsill se jaghmel manutenzjoni tal-AC taht dawn il-fondi.

4.3 Is-Sindku qal illi mhux se jintuzaw affarijiet li jhammgu fis-Science Club. Kien hemm qbil illi juzaw is-sala meta jkun vakat.

4.4 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi kull kunsillier ghandu jaghti appogg fl-attivitajiet, irrespittivament taht liema dekasteru jaqghu {ref punt 10.2}. Hu jhoss illi l-attivitajiet li ssemmew huma attivitajiet sportivi. Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi mhumiex sportivi ghax mhumiex kompetizzjonijiet. Il-kunsillier Carlo Stivala ma qabilx ma dan il-punt. Qal ukoll illi mar-rewording tal-Minuti kif talbet is-sinjorina Abdilla ghax qal illi qatt m'hemm bzonn illi kunsillier jintalab l-ghajnuna biex kunsillier iehor jghin. Kien accettat minn kull kunsillier prezenti li huwa fl-interessi tal-kunsill illi l-kunsilliera u l-kumitati jahdmu id f'id u ghandhom jghinu lil xulxin u ma jkunx hemm kompetizzjoni bejniethom. Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi fl-opinjoni tieghu m'ghandux ikun hemm persuna li jaghmel parti minn izjed minn kumitat wiehed. Fuq dan il-punt ma kienx hemm consensus mill-kunsilliera l-ohra.
Meta kien qed jigi diskuss dan il-punt il-kunsillier Carlo Stivala qal ukoll illi ma qabilx ma certu informazzjoni li kien hemm f'leaflet li saret minn kunsillier ghax kien hemm mil-presenza ta' ghaqda politiku fil-poster. Ihoss illi ghandhom ikunu eskluzi. Wara vot ittiehdet id-decizjoni li ma jkun hemm l-ebda referenza ghall-ghaqdiet politici f'dawn il-leaflets generali, halli nnehhu kull *misconception*. Il-Kunsill ma jistax jaghmel referenza ghall-ebda attivitajiet/ghaqdiet politici fil-produzzjonijiet ufficjali tieghu.

4.5 Is-Sindku ppropona li nuzaw is-servizz tal-wardens fejn il-Convenience Store {ref punt 10.9}. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-wardens bdew imorru fuq il-post u dahlu fil-hanut biex dawk in-nies illi hallew il-vetturi taghhom ipparkjati llegalment jaqbdu u jnehhuhom. Min m'ghamilx hekk qala citazzjoni. Il-kunsilliera qablu li ssir talba lil Regjun biex il-wardens jigu spiss fl-area.

4.6 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi tkellem ma rapprezentant tal-BOV u dan qal illi se ssir tinda fejn l-ATM, izda zied illi xorta se jkun hemm problema minhabba x-xemx filghodu. Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi l-ATM's fl-area kollha huma bhal taghna u li l-ebda tinda se ssolvi l-problema.

4.7 Is-Sindku qal illi Water Services jafu bil-problema tal-manholes f'triq iz-Zurrieq. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm bzonn illi jinqalghu mill-gdid. Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi fil-legislatura precedent kemm il-darba kellu jiehu hsieb dan ix-xoghol flimkien mal-haddiema tal-Kunsill.

**5. Payment Approval Sheet**

5.1 Il-Vici Sindku Francis Callus u l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qalu li se joggezzjonaw il-pagamenti li saru ghax-xiri taz-zebgha u tat-tarmak peress illi saru xogholijiet madwar ir-rahal minghajr ma kienu jafu bihom huma, fosthom il-parking ta triq San Gorg {dan il-punt se jkun diskuss taht il-korrespondenza.}

5.2 Il-Payment Approval Sheet ġie approvat b'vot ta' 3 kontra 2, u ffirmat.

**6. Korrespondenza**

6.1 **Claim: Kuccard:** Il-Vici Sindku Francis Callus staqsa rigward l-emajl mis-sinjorina Muscat tad-DLG. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kien rigward il-claim ghal kumpens ghal puncture, suggett li kien diskuss fl-ahhar laqgha. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi tkellem ma Perit ta' TM li qal illi l-Kunsill se jkun responsabbli ghat-triq wara li ssir il-progett. Fuq dan il-punt il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa fuq l-updates tal-progett illi se ssir fit-triq. Is-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku kkonfermaw illi ltaqghu ma tlett periti ta' TM u sar ftehim illi fil-futur ikun hemm laqgha ta' konsultazzjoni ghall-pubbliku.

6.2 **Perit Musumeci**: Il-Vici Sindku Francis Callus staqsa ghall-informazzjoni rigward l-emajl tal-perit. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan rega ghamel talba biex niddiskutu l-kontijiet pendenti li ghandna mieghu. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar illi naqas milli jigi ghal laqgha fil-passat meta sar ftehim mieghu biex niddiskutu dawn il-kontijiet. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-perit qatt ma indika ghal xiex kienu dovuti dawn il-kontijiet.

6.3 **Karwija**: Il-Vici Sindku Francis Callus talab izjed informazzjoni rigward il-korrespondenza fuq triq il-Karwija. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi peress illi ghamilna zmien minghajr dawl u kien sar rapport lil

EneMalta. Wara li hadd ma ried jerfa r-responsabilita tat-triq, il-Kunsill sar jaf illi Malta Industrial Parks huma responsabbli ghat-triq.

6.4.1 **Bankina fejn l-ATM**: Is-Segretarju Ezekuttiv qara emajl minghand James Darmanin li ghamel talba biex issir bankina fejn hemm ir-reserved parking hdejn l-ATM biex nevitaw perikli ghall-persuni li jkunu ghaddejjin bil-mixi. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta u qalu li n-nies ghandhom jghaddu mill-Playing Field u jaqsmu t-triq minn triq il-Menqa. Fuq dan il-punt il-Vici Sindku Francis Callus qal illi issa li hemm ATM ghandna naghmlu upgrade tal-area. Kien diga ttiehed decizjoni fil-laqgha precedent biex isiru izjed parking bays fl-area u qal illi dawn ghandhom isiru, izda mhux bhal ma saret dik f'triq ta' Gawhar {fejn il-gnien}.

6.4.2 Qal illi karozzi ghaddejjin minn hemm issa ghandhom johorgu l-barra biex jevitaw il-karrozza pparkjata, waqt illi l-kaxxa hija zghira hafna u karozzi ma tidholx. Is-Sindku Johan Mula spjega li r-raguni li saret dik il-parking bay kienet minhabba l-fatt illi r-rampa kienet f'nofs parking bay u bil-karozzi fin-nofs ma kienx accessibli ghal persuna b'dizabilita. Qal ukoll illi karrozzi zghira toqghod. Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi l-parking bays saru kif kienu minhabba l-mod kif sar l-progett. Qal illi issa zied il-periklu fl-area minhabba l-bay ezistenti mal-genb. Qal ukoll illi parking bays ghandhom isiru 5 metri mill-kantuniera u jekk ma jsirux hekk mhux se jaqbel li dawn isiru.

6.4.3 Ma dan il-punt, il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa ghalfejn beda jircievi telefonati fuq parking bays illi saru f'triq San Gorg. Il-kunsillier Carlo Stivala spejga li hemm min kien qed jipparkja hazin fejn m'hemmx bays u dawn qeghdin jilmentaw ghax saru kaxxi n-naha l-ohra tat-triq u ghalhekk issa ma jistghux jipparkjaw hemm. Flimkien mas-Sindku zied illi l-problemi ezistenti jigru meta dawn jipparkjaw hazin u ghalhekk jaghlqu l-passagg ghall-vetturi kbar. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi dan kellu jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill u li mhux se jerfa responsabbilta jekk jigri xi haga. Zied illi fl-opinjoni tieghu dan ix-xoghol sar biex jinqeda persuna. Is-Sindku ma qabilx. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil fakkar illi fil-passat il-kunsilliera kienu jmorru fuq il-post u kien isir qbil dak il-hin fuq xogholijiet simili li kellhom isiru. Zied illi fuq facebook xi hadd qal carament illi kienet weghda biex isir dan ix-xoghol, akkuza li s-Sindku cahad. Is-Sindku qal li kull m'ghamel huwa li jizied parking space iehor biex itaffi l-problema tal-parking f'din it-triq. Il-parking jista jituza minn kulhadd u mhux minn persuna wahda biss. Is-Sindku zied ukoll illi hemm min anka qal illi x-xoghol li sar f'triq Birzebbugia {sqaq} kienet weghda tieghu, meta filfatt dak ix-xoghol sar minn TM! Il-Vici Sindku qal ukoll illi l-qies tal-bays mhumiex skond ir-regolamenti. Ma dan il-punt is-Sindku qal illi min kejilhom qal illi huma kbar bizzejjed. Il-Vici Sindku qal ukoll illi issa m'hemmx wisa' bizzejjed fuq il-bankina biex jghaddu wheelchairs jew pushchairs u li issa kabbru l-problemi fit-triq u li ghall-ewwel darba f'tmien snin qeghdin nircievu lmenti mir-residenti tat-triq. Is-Sindku qal illi jekk hemm problema tal-bankina issa, din kienet tezisti qabel ukoll,

anka meta kienu jipparkjaw tlett karozzi biss. Il-Kunsill qabel illi se jimxi skond id-decizjoni ta' Transport Malta.

6.4.4 Wara dan id-diskors il-Vici Sindku ghamel referenza wkoll ghall-isleeping policeman ta' triq Ta' Gawhar fejn sar ix-xoghol fuqha u wara regghet inqalghet. Is-Sindku qal illi kien qed izomm l-ilma u ghalhekk rega thalliet kif kien qabel.

6.4.5 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ressaq ukoll proposta biex terga ssir is-sleeping policeman f'triq Ta' L-Ajzar. Wara vot ta 3 favur, 1 kontra u 1 astenja, gie deciz illi terga ssir.

## 7. Hwejjeg Ohra

7.1 Is-Sindku resaq talba biex isir il-harga annwali ghal Kemmuna. Il-hsieb huwa li ssir fit-30 ta Lulju. Il-prezz ghandha tkun ta' 25 ewro bhas-snin precedenti.

7.2 Is-Sindku qal illi ghandha ssir it-tnedija tal-progett "Discovering Malta and Gozo through its culture and people" fil-lokalita taghna, nhar it-Tlieta 30 ta' Gunju. Qal illi dan ghadu rrid jigi kkonfermat.

7.3 Is-Sindku qal illi r-Regjun Nofsinhar joffi s-servizz t'Eco Wardens ghal saghtejn fix-xahar. Il-kunsilliera qablu li dawn ghandhom iduru mar-rahal u mhux joqoghdu f'post wiehed.

7.4 Is-Sindku resaq talba biex isir tabella quddiem tal-lottu fejn wiehed jista jipparkja fil-bay illi hemm barra l-hinijiet ta' ftugh tal-lottu. Is-Segretarju Ezekuttiv u l-Vici Sindku qalu li t-tabella giet ordnata qabel l-elezzjonijiet tal-Kunsilli.

7.5 Is-Sindku ressaq suggeriment li ssir tabella f'triq Salvu Cauchi biex tindika li vetturi kbar ma jistawx jghaddu minn hemm, sakemm mhux biex isir servizz. Il-Vici Sindku qal illi kiku hekk noholqu izjed problem ghax ghandek kummerc ghaddej fl-area u jintuzaw trailers. Is-Sindku qal illi diga kkomunika maghhom u ma sabux oggezzjoni. Qal illi l-uniku alternattiva hija li t-triq isir one-way. Il-Vici Sindku qabel illi trid isir xi haga izda qal ill ibis-suggeriment tas-Sindku, residenti tat-triq ikollhom jaghdu minn triq it-Tellerit biex johorgu minn hemm u se noholqu izjed problemi ghan-nies. Qal ahjar ma ssir xejn f'dak il-kaz. Is-Sindku ma qabilx illi ma naghmlu xejn ghax qal illi mhix soluzzjoni valida. Qal illi dejjem se jkun hemm konsegwenzi izda ghandna niehdu decizjoni.

Il-kunsilliera Joanna Abdilla u Carlo Stivala ssugerrew illi jsiru double yellow mal-kisra u linja bajda fin-nofs.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ghandna nkabbru l-mera li hemm c/w triq is-Nassaba. Ma dan il-punt zied illi ghandna niggieldu biex tinfetah kompletament triq in-Nassaba.

7.6 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm bzonn li jsir manutenzjoni {zebgha sewda} fejn il-Berga.

7.7 Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi se ssir Blood Donation fid-19 ta' Lulju u saret talba biex din isir fil-lokalita. Il-kunsilliera ma sabu l-ebda oggezjoni u l-van ghandha tkun fil-pjazza. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi din diga saret f'Hal Safi fil-passat, fejn kienu marru 58 ruh biex jaghtu d-demm.

7.8 Il-kunsilliera Joanna Abdilla resqet talba biex torganizza canoeing xi darba nhar il-Hadd filghodu. Il-kunsilliera qablu.

7.9.Il-kunsilliera Joanna Abdilla ghamlet talba biex torganizza 1-day activity ghat-tfal bejn 5 u 9 snin. Il-kunsilliera qablu mas-suggeriment.

7.10 Il-kunsilliera Joanna Abdilla resqet talba li rceviet biex il-Kunsill inehhi z-zebra crossing li hemm f'triq San Pawl. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill kien diga ha decizjoni fil-passat. Il-bqija tal-kunsilliera, li kollha kienu fil-legislatura precedenti, qablu li jzommu mad-decizjoni li kienu hadu u li z-zebra crossing tibqa fejn hi.

7.11 Il-kunsilliera Joanna Abdilla ghamlet talba biex tkun skuzata fis-7pm. Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni li l-laqgha kienet ilha ghaddeja ghal tlett sighat u staqsa jekk il-kunsilliera l-ohra xtaqu jkomplu jew jaggornaw. Kien hemm qbil illi l-laqgha tkompli. Is-sinjorina Abdilla kienet skuzata biex tattendi funzjoni fis-sala tal-Kunsill.

7.12 Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi hemm min qalu li diga vvotta tlett darbiet kontra s-Sindku. Is-Sindku qal illi dawn il-voti ma kienux kontrih izda kontra l-proposti li kien resaq. Il-Vici Sindku cahad illi vvotta kontra s-Sindku u s-Sindku qal illi dawn il-voti ma kienux kontrih personali izda kontra proposti mressqin minnhu. Pero rrimarka li fil-tlett snin li huwa serva bhala Vici Sindku, fl-ebda okkazzjoni qatt ma vvotta kontra xi proposta tas-Sindku.

7.13 Il-Vici Sindku Francis Callus staqsa jekk in-Nursery taqa taht il-Kunsill jew le. Qal illi qed jistaqsi ghalhiex it-tokens illi nghataw fl-end of season kellhom miktub fuqhom “Hal Safi Nursery in collaboration with Hal Safi Local Council” u ma qabilx ma dan. Is-Sindku qal illi se jara x’gara. Pero irrimarka li anka l-facebook page tan-Nursery hija miktuba b’dak il-mod u din saret fil-legislatura precedent. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kowc kien ordna t-tokens u se jitkellmu mal-kowc. In-Nursery taqa taht il-Kunsill Lokali u mhux vici-versa.

7.14 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm bzonn ta’ xoghol ta’ manutenzjoni f’triq Carmelo Caruana. Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi jekk Malta Industrial Parks huma responsabbli, ghandhom jiehdu hsieb dawn ix-xogholijiet huma.

7.15 Il-kunsillier Carlo Stivala ta l-ismijiet tal-grupp sportiv u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn huma: Is-sur Charles Fenech, is-sur Cliff Caruana, is-sinjorina Raisa Borg, is-sinjura Maria Cocker, is-sur Mikhael Cardona, is-sinjorina Vanessa Debatista, is-sur Jean Paul Farrugia, is-sur Wayne Cutajar, is-sinjura Eleanor Coustas, is-sur Redeemer Barber, is-sinjorina Tanya Mifsud u s-sur Osmar Cachia. Il-Vici Sindku qal illi jemmen illi persuna li qeghda go grupp differenti ghanda taghzel grupp wiehed biss. Dan il-kaz japplika biss ghas-sinjura Maria Cocker. Is-Sindku qal li se jhali f’idejn il-kunsillier responsabbli u mhux se jindahal lil min jidahal fil-grupp tieghu, diment li din tkun persuna serja u tal-affarijiet taghha.

7.16 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm bozza li ma tahdimx f’triq San Frangisk. Il-Vici Sindku qal illi Nexos ma rrangawhiex u kellhom jaraw il-connection. Qal illi l-Kunsill m’ghandux ihallas ghax-xoghol peress illi x-xoghol ghadu ma sarx kif suppost.

7.17 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jixtieq jara izjed fjuri fir-rahal u qal illi hemm bzonn ta’ madwar 100 xitla quddiem ic-cimiterju, waqt illi hemm bzonn ukoll fil-gnien Dun Karm Vella, fl-area ta’ T’Amparell, barra l-Kunsill, mar-roundabout tal-Karwija u l-Gnien ta’ Ball. Issugerixxa wkoll illi naghmlu passagg fil-gnien ta’ T’Amparell. Zied illi hemm bzonn illi ssir kurduna tal-gebel. Is-Sindku qal illi kien propju ghalhekk illi fil-laqgha ta’ qabel kein ghada proposta li kienet anka fl-Agenda tal-Kunsill sabiex il-Kunsill johrog tender fuq il-gonna u s-soft areas.

7.18 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal ukoll illi hemm bzonn ta zbir tas-sigar madwar ir-rahal. Zied illi fil-passat il-pots madwar ir-rahal kienu kollha bil-hadid. Il-Vici Sindku Francis Callus qal illi mhux kollha kienu hekk. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil issugerixxa li naghmlu l-pots kollha bil-hadid u nuzaw dawk illi qeghdin fil-garaxx.

7.19 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Fundazzjoni Gal Xlokk ghamlu talba biex il-Kunsill jikonsidra s-Sindku l-gdid bhala r-rapprezentant il-gdid tal-Kunsill fil-Fundazzjoni. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

7.20 Il-Kunsill ircieva stima ta’ 120 ewros biex isir ix-xoghol fuq it-twieqi {loovers} li hemm fil-Public Conveniece. Il-Kunsill qabel li nimxu bix-xoghol.

7.21 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fil-gimghat illi gejjin jixtieq jibda jahdem fuq l-ispecifications tal-Kuntratt tal-iskamel flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill tal-Mqabba. Staqsa jekk il-kunsilliera jaqblu li nohorgu kuntratt bejn iz-zewg Kunsill. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi diga rcieva konferma li l-Kunsill tal-Imqabba wkoll qablu li nahdmu flimkien.

8. **Laqgħa li jmiss**

8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.40pm.

8.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fl-14 ta’ Lulju 2015.

Sindku
Johan Mula

Segretarju Eżekuttiv
Anthony Attard